MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 371/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**vs**

**Sciriha Fabian**
**ID266885-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, erba' mitt euro u tmienja u sebghin centezmu (€3,400.78c) in konnessjoni ma' Laptop Connect (AC50983518) u li jinkludi HP Compaq 610 u Bandluxe C270 skond kuntratt tat-28 ta' Settembru 2010 u servizz tat-telefonija cellulari 79049494 (AC40158212) skond kuntratt datat 4 ta' Ottubru 2010. Illi s-somma fuq

imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 3936/11 u 519/12, u bl-imghaxijiet mit-12 ta' Marzu 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali 519/12.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok. A sa Dok. E.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, erba' mitt euro u tmienja u sebghin centezmu (€3,400.78c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------